MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 435/2009

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
JOHN GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, John Gatt, iben il-mejjet John Charles u l-mejta Rosina xebba Agius, imwieled Rahal Gdid nhar il-5 ta' Gunju 1936, residenti 44 Triq il-Palm, Rahal Gdid u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 453836(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Marzu 2008, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kiseb jew kellu fil-pussess tieghu xi ritratt, filmat,

*video recording* jew xbieha elettronika ndecenti ta' persuna taht l-eta'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (fol. 4);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, John Gatt, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 208A u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, waqt li tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-Hard Disk PCO1-HDO1 (l-ezebit SD4).

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' anzjana ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali nadifa netta ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------